**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 9 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 38**

**Avviz Nru: 552/01 AE**

**Karmenu u Georgina konjugi Galea**

**Vs**

**Censu Galea u Karmnu Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' mitejn u tmintax-il lira Maltija (Lm218) bhala danni li gew ikkagunati fuq zewg sigar tal-bajtar propjeta ta' l-atturi, wara nar li tqabbad f'art hdejn dik li hija mqabbla lill-atturi.

Ra r-risposti li gew intavolati mill-konvenuti (fol. 10 u 20) u li permezz taghhom ddikjaraw li ma kienux responsabbli ghall-akkadut.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra d-digriet tal-24 ta' Ottubru 2001 u li permezz tieghu gie nominat il-perit tekniku Peter Caruana.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. L-atturi ghandhom art imqabbla ghandhom fl-inhawi maghrufa bhala tal-Qawwi, Imtahleb. F'din l-ghalqa hemm zewg sigar tal-bajtar.

2. Mill-provi rrizulta li l-konvenut Karmnu Agius kien gie nkarigat mill-konvenut l-iehor sabiex jahrat l-ghalqa li ghandu vicin dik ta' l-atturi. Mill-provi rrizulta li qabel ma beda x-xoghol li gie nkarigat jaghmel, Karmnu Agius qabbad nar f'din l-ghalqa sabiex jahraq il-haxix hazin li kien hemm fl-ghalqa. In-nar infirex. Waqt l-access li sar fil-31 ta' Ottubru 2001, il-perit tekniku kkonferma li dawn is-sigar gew milquta mill-*"lupa tan-nar"*.

3. Irrizulta wkoll li:

   (a) Is-sigar ghandhom il-fuq minn mitt sena;

   (b) Is-sigar huma mitluqin u fihom is-susa;

(c) L-area fejn huma mhawwlin dawn is-sigar ma baqghetx adattata ghat-thawwil ta' sigar, peress din l-area giet milquta min-nirien. Il-perit tekniku kompla jelabora li jridu jghaddu s-snin qabel din l-area jista' jerga' jsir uzu minnha.

(d) Is-sigar ma kienux ta' zewg ucuh, u ma kienux qeghdin jaghtu iktar minn erbgha kaxex frott kull sena. Skond il-perit tekniku kull kaxxa tinbiegh circa tlett liri Maltin (Lm3);

(e) Iridu jghaddu s-snin sabiex is-sigar jergghu jibdew jaghmlu l-frott.

4. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut Censu Galea m'ghandu ebda responsabbilta ghal dak li gara. Ma jirrizultax li huwa qatt ta xi direttiva lill-konvenut l-iehor sabiex iqabbad nar fl-ghalqa tieghu u lanqas ma kien fuq il-post dakinhar li tqabbad in-nar. Dak li ghamel Karmnu Agius jidher li ghamlu minn jeddu, li minghajr ma qaghad jaghti wisq kaz ta' dak li kien hemm madwaru, qabbad nar. Rilevanti huwa l-fatt kif il-konvenut, *ex admissis*, lanqas biss ma ndenja ruhu jigbor il-haxix hazin f'munzell. Minn kliemu stess jirrizulta li l-haxix hazin kien imxerred ma' l-ghalqa ta' Censu Galea u dan il-fattur ghen konsiderevolment sabiex in-nar jinfirex. Huwa principju fundamentali li *"... kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"* (Artikolu 1031 tal-Kodici Civili). Il-konvenut Karmnu Agius b'mod kolpuz u negligenti naqas milli jiehu prekawzjonijiet ta' *bonus pater*

*familias* fic-cirkostanzi biex jassigura li ma jigux kawzati d-danni li effettivament graw fil-propjeta ta' terzi.

5. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-atteggjament li adotta l-konvenut Karmnu Galea huwa wiehed negligenti u fl-agir tieghu wera nuqqas ta' prudenza. Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal ghandu jaghmel tajjeb ghall-hsara li sofra haddiehor minhabba l-agir tieghu. Min-naha l-ohra rrizulta b'mod inekwivokabbli li z-zewg sigar in kwistjoni, minhabba z-zmien u l-mard li ghandhom, ma setghux kienu qeghdin jaghmlu kwantita ta' frott. Min-naha l-ohra ma jistax ma jittiehidx in konsiderazzjoni li skond l-opinjoni tal-perit tekniku s-sigar kienu jaghmlu l-frott, ghalkemm f'kwantita limitata. Ghalhekk it-Tribunal wara li qies dak li rrelata l-espert tekniku, qieghed *arbitro boni viri* jillikwida s-somma ta' erbghin lira Maltija (Lm40) bhala danni sofferti mill-atturi u kalkolati fuq perjodu ta' erbgha snin.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet fuq premessi:

(1)Jilqa' t-talba ta' l-atturi u jiddikjara lill-konvenut Karmnu Agius responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi u jikkundannah ihallashom is-somma ta' erbghin lira Maltija (Lm40) bhala danni.

(2) Jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Censu Galea u jiddikjara li ma kellu ebda responsabbilta ghall-akkadut.

Il-konvenut Karmnu Agius ghandu jaghmel tajjeb ukoll ghall-kwart ta' l-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) tal-atturi, filwaqt li ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tieghu. L-ispejjez tal-konvenut Censu Galea (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) huma ghak-karigu ta' l-atturi.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**